Nru. 18,316
Prezz/Price
€3.35

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 3 ta' Ottubru, 2008
Friday, 3rd October, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 847

ĦATRA TA' AĠENT KUMMISSJONARJU ELETTORALI PRINĊIPALI

IS-SEGRETARJU Permanenti Ewlieni approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	UFFIĊĊJU *OFFICE*	DATA *DATE*
Mr George Saliba	Kummissjonarju Elettorali *Electoral Commissioner*	Uffiċċju Elettorali *Electoral Office*	14-18.10.2008

It-3 ta' Ottubru, 2008

Nru. 848

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (DWANA)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Philip Schembri	A/Direttur Ġenerali A/*Director General*	Dwana *Customs*	08-11.10.2008

It-3 ta' Ottubru, 2008

GOVERNMENT NOTICES

No. 847

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF ELECTORAL COMMISSIONER

THE PRINCIPAL Permanent Secretary has approved the following acting appointment:–

3rd October, 2008

No. 848

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CUSTOMS)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Finance, the Economy and Investment has approved the following acting appointment:–

3rd October, 2008

Nru. 849

ATT DWAR IL-KUNSILL MALTI GĦALL-KULTURA U L-ARTI (KAP. 444)

Ħatra tal-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 3 tal-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti (Kap. 444), il-Ministru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport approvat il-ħatra tal-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti għal perijodu ta' sena b'seħħ mill-1 ta' Awissu 2008 kif ġej:

Chairperson
Perit Adrian Mamo

Membri
Ms Nicole Bugeja
Is-Sur Josef Camilleri
Ms Martina Caruana
Dott. Sandra Dingli
Dott. Italo Ellul
Dott. Jeannine Giglio
Is-Sur Kevin Sciberras
Ir-Rev Prof. Peter Serracino Inglott

It-3 ta' Ottubru, 2008

No. 849

MALTA COUNCIL FOR CULTURE AND THE ARTS ACT (CAP. 444)

Appointment of the Malta Council for Culture and the Arts

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by Article 3 of the Malta Council for Culture and the Arts Act (Cap. 444), the Minister of Education, Culture, Youth and Sport has approved the appointment of the Malta Council for Culture and the Arts for a period of one year with effect from the 1st August 2008 as follows:

Chairperson
Architect Adrian Mamo

Members
Ms Nicole Bugeja
Mr Josef Camilleri
Ms Martina Caruana
Dr Sandra Dingli
Dr Italo Ellul
Dr Jeannine Giglio
Mr Kevin Sciberras
Rev. Prof. Peter Serracino Inglott

3rd October, 2008

Nru. 850

ATT DWAR IL-PATRIMONJU KULTURALI (KAP. 445)

Ħatra tal-Bord tad-Diretturi ta' Patrimonju Malta

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 9 tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali (Kap. 445), il-Ministru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport approvat il-ħatra tal-Bord tad-Diretturi ta' Patrimonju Malta għal perijodu ta' tliet snin b'seħħ mill-1 ta' Awissu 2008 kif ġej:

Chairperson
Is-Sur Joseph Said

Deputat Chairperson
Ms Isabel Vella

Membri
Ms Evelyn Baluci
Prof. Anthony Bonanno
Ms Norma Camilleri

No. 850

CULTURAL HERITAGE ACT (CAP. 445)

Appointment of the Board of Directors of Heritage Malta

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by article 9 of the Cultural Heritage Act (Cap. 445), the Minister of Education, Culture, Youth and Sport has approved the appointment of the Board of Directors of Heritage Malta for a period of three years with effect from the 1st August 2008 as follows:

Chairperson
Mr Joseph Said

Deputy Chairperson
Ms Isabel Vella

Members
Ms Evelyn Baluci
Prof. Anthony Bonanno
Ms Norma Camilleri

Is-Sur John Cremona
Ms Marika Grech
Is-Sur Bryan Magro
Is-Sur Martin Mercieca

It-3 ta' Ottubru, 2008

Mr John Cremona
Ms Marika Grech
Mr Bryan Magro
Mr Martin Mercieca

3rd October, 2008

Nru. 851

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ħatra tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 92 tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Ministru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport approvat il-ħatra tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija għal perijodu ta' tliett snin b'seħħ mit-12 ta' Settembru 2008 kif ġej:

President
Is-Sur Paul A. Attard

Membri
Dott. Ing Jonathan C Borg
Ms Anne Marie Callus
Ms Helga Ellul
Ms Phyllis Farrugia
Is-Sur Michael Mallia
Is-Sur Tonio Portughese
Is-Sur Maria Sciriha
Is-Sur Sue Vella

It-3 ta' Ottubru, 2008

No. 851

EDUCATION ACT
(CAP. 327)

Appointment of the Board of Governors of the Malta College of Arts, Science and Technology

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by Article 92 of the Education Act (Cap. 327), the Minister of Education, Culture, Youth and Sport has approved the appointment of the Board of Governors of the Malta College of Arts, Science and Technology for a period of three years with effect from the 12th September 2008 as follows:

President
Mr Paul A Attard

Members
Dr Ing Jonathan C Borg
Ms Anne Marie Callus
Ms Helga Ellul
Ms Phyllis Farrugia
Mr Michael Mallia
Dr Tonio Portughese
Dr Maria Sciriha
Dr Sue Vella

3rd October, 2008

Nru. 852

ID-DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ) JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

IS-SUR GODWIN Warr, Direttur Ġenerali (Kummerċ) reġa' daħal għal dmirijietu fid-29 ta' Settembru, 2008, u l-arranġamenti li hemm riferenza għalihom fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 803 tad-19 ta' Settembru, 2008, huma b'din imħassrin.

It-3 ta' Ottubru, 2008

No. 852

RESUMPTION OF DUTIES OF DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

MR GODWIN Warr, Director General (Commerce), resumed duties on the 29th September, 2008, and the arrangements referred to in Government Notice No. 803 of the 19th September, 2008, are hereby being repealed.

3rd October, 2008

Nru. 853

KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ

Ħatra ta' Membri tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja'

IL-KORPORAZZJONI ta' Xogħol u Taħriġ b'din tgħarraf illi qed taħtar il-persuni msemmija hawn taħt biex ikunu membri tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja' skond l-Artikolu 40 tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Kap. 343) biex jaraw il-kompetenzi li għandhom x'jaqsmu ma' *Child Carers* (*Child Care Centres*), għal perijodu ta' sentejn skond il-bżonn.

Chairperson
Ninette Pace Balzan

Membri Tekniċi
Katya De Giovanni
Galea Silvia

Rappreżentant tal-ETC
Sandro Sciberras

It-3 ta' Ottubru, 2008

No. 853

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

Appointment of Trade Testing Board Members

THE Employment and Training Corporation is hereby nominating the persons listed hereunder to be appointed members of the Trade Testing Board in terms of Article 40 of the Employment and Training Services Act (Cap. 343) to assess the competencies relating to Child Carers (Child Care Centres), for a period of two years subject to need.

Chairperson
Ninette Pace Balzan

Technical Members
Katya De Giovanni
Galea Silvia

ETC Representative
Sandro Sciberras

3rd October, 2008

Nru. 854

KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ

Ħatra ta' Membri tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja'

IL-KORPORAZZJONI ta' Xogħol u Taħriġ b'din tgħarraf illi qed taħtar il-persuni msemmija hawn taħt biex ikunu membri tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja' skond l-Artikolu 40 tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Kap. 343) biex jaraw il-kompetenzi li għandhom x'jaqsmu ma' *Steel Fixers* u *Form Erectors,* għal perijodu ta' sentejn skond il-bżonn.

Is-Sur James Abela se jissostitwixxi lil Ms Ylenia Cauchi Carter bħala Rappreżentant ta' l-ETC, minħabba li Ms Cauchi Carter ġiet assenjata dmirijiet oħra. Is-Sur Emanuel Gatt se jissostitwixxi lis-Sur Gordon Micallef bħala Membru Tekniku minħabba li s-Sur Micallef offra r-riżenja tiegħu minħabba pressjoni ta' xogħol.

Membru Tekniku
Emanuel Gatt

Rappreżentant tal-ETC
James Abela

It-3 ta' Ottubru, 2008

No. 854

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

Appointment of Trade Testing Board Members

THE Employment and Training Corporation is hereby nominating the persons listed hereunder to be appointed members of the Trade Testing Board in terms of Article 40 of the Employment and Training Services Act (Cap. 343) to assess the competencies relating to Steel Fixers and Form Erectors, for a period of two years subject to need.

Mr James Abela will be substituting Ms Ylenia Cauchi Carter as ETC Representative, as Ms Cauchi Carter has been assigned other duties. Mr Emanuel Gatt will be substituting Mr Gordon Micallef as Technical Member as Mr Micallef has handed in his resignation due to pressures of work.

Technical Member
Emanuel Gatt

ETC Representative
James Abela

3rd October, 2008

Nru. 855

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 14 ta' l-imsemmi Att kif ġej:–

Data	Deheb Pur Gramma	Fidda Pura Gramma
Date	*Pure Gold Grams*	*Pure Silver Grams*
03. 10. 08	€20.198	€0.305

It-3 ta' Ottubru, 2008

AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT

L-Awtorità Dwar it-Trasport tgħarraf illi minħabba xogħlijiet ta' tisbiħ u twessigħ ta' bankini li se jsiru mill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, in-naħa ta' isfel ta' Triq it-Torri, mix-xatt ta' Tas-Sliema (Magic Kiosk) sal-*junction* ma' Triq it-Torri, Triq Bisazza u Triq Tignè (bini *ex*-Joinwell), se tkun magħluqa għat-traffiku sa nhar il-Ħadd, is-26 ta' Ottubru, 2008. It-traffiku se jimxi skond l-iskema li ġejja sakemm idumu dawn ix-xogħlijiet:

It-traffiku mix-Xatt ta' Tas-Sliema se jgħaddi fid-direzzjoni lejn Tas-Sliema se jgħaddi minn Triq Bisazza (direzzjoni waħda 'l fuq) u jkompli lejn Triq it-Torri, Tas-Sliema (*ex*-Joinwell). Traffiku minn Triq it-Torri (Chalet) lejn ix-Xatt ta' Tas-Sliema se jgħaddi minn Qui-Si-Sana/Tignè, Triq Locker, Triq Sant' Antnin u lejn ix-Xatt ta' Tas-Sliema.

Dħul għal Triq il-Katidral mix-Xatt ta' Tas-Sliema se jkun possibbli minn Triq Manwel Dimech, Triq San Duminku, Triq San Pawl, Misraħ Tal-Lunzjata, Triq San Publju u Triq San Pietru.

Traffiku li jkun ġej minn Triq Rudolfo u Triq il-Kbira għal Triq il-Katidral se jgħaddi minn Misraħ Tal-Lunzjata, Triq San Publju u Triq San Pietru.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mit-Taqsima tal-*Customer Care* tal-Awtorità Dwar it-Trasport fuq 8007 2393 jew bl-*e-mail* fuq info@maltatransport.com jew customercare@maltatransport.com jew mit-Taqsima tal-*Customer Care* tal-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali fuq 2299 7787 jew bl-*e-mail* fuq customercare.mrra@gov.mt.

It-3 ta' Ottubru, 2008

No. 855

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Data	Deheb Pur Gramma	Fidda Pura Gramma
Date	*Pure Gold Grams*	*Pure Silver Grams*
03. 10. 08	€20.198	€0.305

3rd October, 2008

MALTA TRANSPORT AUTHORITY

The Malta Transport Authority notifies that due to embellishment works being carried out by the Ministry for Resoures and Rural Affairs, lower Tower Road from junction with The Strand (Magic Kiosk) up to junction with Tower Road, Bisazza Street and Tignè Street (ex-Joinwell Building) will be closed to vehicular traffic till Sunday, 26th October, 2008. The following traffic management scheme will be implemented for the duration of the works:

Vehicular traffic from The Strand Sliema in the direction towards Sliema will be diverted towards Triq Bisazza (one way upwards) and to Tower Road Sliema (ex-Joinwell). Vehicular traffic from Tower Road (Chalet) in the direction towards The Strand Sliema will be diverted to Qui-Si-Sana/Tignè, Locker Street, St Anthony Street onto The Strand, Sliema.

Entry to Cathedral Street from The Strand Sliema will be possible through Manwel Dimech Street, St Domnic Street, St Paul Street, Annunciation Square, St Publius Street ans St Peter's Street.

Vehicular traffic from Rudolph Street and Main Street needing to access Cathedral Street will be diverted to Annunciation Street, St Publius Street and St Peter's Street.

Additional information may be obtained from the Malta Transport Authority's Customer Care Unit on 80072393 or by email on info@maltatransport.com or customercare@maltatransport.com or from the Ministry for Resources and Rural Affair's Customer Care Unit on 22997787 or by email on customercare.mrra@gov.mt..

3rd October, 2008

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Architect and Civil Engineer/Junior Architect and Civil Engineer* fil-*Unit* għar-Restawr tad-Dipartiment għall-Kostruzzjoni u Manutenzjoni tat-Taqsima tax-Xogħlijiet

Skond klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Architect and Civil Engineer Junior Architect and Civil Engineer* fil-*Unit* għar-Restawr tad-Dipartiment għall-Kostruzzjoni u Manutenzjoni tat-Taqsima tax-Xogħlijiet.

2.1 Il-post ta' *Architect and Civil Engineer* għandu salarju ta' €16,050 fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' €486.83 sa massimu ta' €18,971 (Skala ta' Salarju 8).

2.2 Soġġett għal servizz sodisfaċenti, persuna fil-grad ta' *Architect and Civil Engineer* fi Skala 8 titla' għal Skala 7 (€17,110 x €531.00 – €20,296) wara għaxar snin ta' prattika professjonali wara l-kisba tal-*Warrant*. Il-perjodu biex persuna titla' minn Skala 8 għal Skala 7 jitnaqqas b'sentejn fil-każ ta' *Architects and Civil Engineers* li jkollhom kwalifika ta' wara l-gradwazzjoni approvata.

3.1 Il-ħatra, li hija bi prova għal sena, hija fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u fit-Taqsima tax-Xogħlijiet b'mod partikolari. Il-persuna maħtura tista' tkun trasferita skond il-ħtiġiet tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2 Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim relevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Unions* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

5. Id-dmirijiet ta' persuna fil grad ta' *Architect and Civil Engineer / Junior Architect and Civil Engineer fil-Unit* għar-

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Architect and Civil Engineer/Junior Architect and Civil Engineer in the Restoration Unit of the Construction and Maintenance Department of the Works Division

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications for the filling of the post of Architect and Civil Engineer/Junior Architect and Civil Engineer in the Restoration Unit of the Construction and Maintenance Department of the Works Division.

2.1The salary attached to the post of Architect and Civil Engineer is €16,050 per annum, rising by annual increments of €486.83 up to a maximum of €18,971 (Scale 8).

2.2Subject to satisfactory performance, an Architect and Civil Engineer in Scale 8 will proceed to Scale 7 (€17,110 x €531.00 – €20,296) on completion of ten years professional practice after obtaining the warrant provided that the qualifying period of ten years will be reduced to eight in the case of Architects and Civil Engineers in possession of an approved postgraduate qualification.

3.1The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Works Division in particular and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2 The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the Malta Public Service.

5. The main duties of an Architect and Civil Engineer Civil Engineer/Junior Architect and Civil Engineer in the

Restawr tad-Dipartiment għall-Kostruzzjoni u Manutenzjoni jinkludu:

a) Spezzjonijiet għall-assessjar u preparazzjoni ta' rapporti dwar il-kundizzjoni ta' fortijiet, swar u bini storiku kif meħtieġ;

b) Preparazzjoni ta' *architectural surveys* u *deterioration mapping* u disinjar ta' interventi ta' restawr kif meħtieġ;

ċ) Preparazzjoni ta' dokumenti dwar tenders u *bill of quantities* għall-eżekuzzjoni ta' proġetti ta' restawr;

d) Superviżjoni fuq lantijiet fejn isir xogħol ta' restawr minn ħaddiema tal-*Unit* għar-Restawr u minn kuntratturi privati.

6. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE)

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra tal-kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża.

Restoration Unit of the Construction and Maintenance Department of the Works Division include:

a) Carrying out of inspections with the aim of assessing and drawing up condition reports of forts, fortifications and historic buildings as necessary;

b) Carrying out architectural surveys and deterioration mapping and designing restoration interventions as necessary;

c) Drawing up of tender documents and bill or quantities for execution of restoration projects;

d) Site supervision of restoration works carried out both by the Restoration Unit workforce and private contractors.

6. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

a) (i) citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

ċ) ikollhom *Warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' *Architect and Civil Engineer* f'Malta kif ukoll tliet (3) snin prattika fil-professjoni wara li tinkiseb il-*Warrant*;

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (dawk li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux iżjed minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

7.1 Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand:

(a) individwi li għandhom il-*Warrant* u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'paragrafi 6 (a), (b) u (d) kif indikat hawn fuq, iżda li m'għandhomx it-tliet (3) snin prattika fil-professjoni tagħhom wara l-kisba tal-*Warrant*. Kandidati magħżula taħt din il-klawsola jieħdu l-ħatra ta' *Junior Architect and Civil Engineer* u jirċievu s-salarju ta' €15,074 x €447.17 – €17,757 (Skala ta' Salarju 9);

JEW

(b) individwi li jkollhom il-kwalifiki akademiċi biex jiksbu l-Warrant biex jipprattikaw il-professjoni ta' *Architect and Civil Engineer* f'Malta.

7.2 Applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 7.1 (a) u (b) jiġu kkunsidrati biss jekk ma jkunx hemm biżżejjed applikanti li jgħaddu taħt 6 (c). Applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 7.1 (a) jingħataw preferenza fuq applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 7.1 (b). Barra minn hekk, applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 7.1 (b) isiru eliġibbli għall-ħatra biss meta jġibu l-*Warrant* biex jeżerċitaw il-professjoni ta' *Architect and Civil Engineer* f'Malta.

7.3 Persuna fil-grad ta' *Junior Architect and Civil Engineer*, sakemm twettaq dmirijietha b'mod sodisfaċenti, tkun eliġibbli għall-promozzjoni ta' *Architect and Civil Engineer* fuq l-iskala ta' salarju msemmija f'paragrafu 2, wara li ttemm sentejn servizz fil-kariga.

8.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anki jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta ikunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet

c) be in possession of a Warrant to practice as Architect and Civil Engineer in Malta as well as three (3) years practice in their profession after obtaining the Warrant;

d) be of good moral character (applicants already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or another competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service, giving details).

7.1 Applications will also be received from:

(a) persons in possession of the Warrant and who also satisfy the requirements stated in paragraphs 6 (a), (b), and (d) above but do not have the requested three (3) years practice in their profession after obtaining the Warrant. A candidate selected under this clause will be appointed Junior Architect and Civil Engineer with a salary in Scale 9 (€15,074 x €447.17 - €17,757).

OR

(b) persons having the academic qualifications to obtain such Warrant to exercise the profession of Architect and Civil Engineer in Malta.

7.2 Successful applicants under paragraphs 7.1 (a) and (b) will only be considered if there are not enough suitable applications under paragraph 6 (c). Successful applicants under paragraph 7.1 (a) will be given preference over successful applicants under paragraph 7.1 (b). Moreover, successful applicants under paragraph 7.1 (b) will become eligible for appointment when they obtain the warrant to exercise the profession of Architect and Civil Engineer in Malta.

7.3 On completion of two (2) years service in the grade and subject to satisfactory performance, a Junior Architect and Civil Engineer will become eligible for promotion to Architect and Civil Engineer with the salary as given in paragraph 2.

8.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the

relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħab'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lit-Taqsima riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti. Dawn għandhom ikunu jew mehmuża mal-formola tal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament bil-posta lid-Dipartiment riċeventi mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem mid-data tal-għeluq. Kopji bl-i*scanner* mibgħuta b'mod elettroniku jkunu aċċettati.

9.2 Ċertifikati oriġinali u/jew dokumenti għandhom jintwerew waqt l-intervista.

9.3 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet Barranin/Istituzzjonijiet Terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-Malta *Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport, jew l-awtorità konċernata, skond il-każ, liema rapport għandu jiġi mehmuż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali jintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport ikunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport maħruġ mill-awtorità pertinenti lid-Dipartimenti riċeventi, malli jkun għad-dispożizzjoni tagħhom u f'ebda ċirkostanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq għas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

10.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal intervista minn Bord tal-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

10.2 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tat-Taqsima tax-Xogħlijiet.

10.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultati jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-

duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Division and copied to the NCPD.

9.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

9.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

9.3 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

10.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Works Division.

10.3 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear

Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-media kollha.

10.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultati skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

11. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

12. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinġabru mit-Taqsima għar-Riżorsi Umani, Taqsima tax-Xogħlijiet, Blokk 'A', il-Furjana.

13. Il-formoli tal-applikazzjoni kif mitluba jintlaqgħu primarjament mid-Direttur, *People Management*, Sezzjoni għar-Riżorsi Umani, Blokk 'A', il-Furjana, sa mhux aktar tard min-nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Ottubru, 2008.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il- Ġimgħa, 31 ta' Ottubru 2008 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Direttur, *People Management*, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tat-Taqsima tar-Riżorsi Umani, Direttorat *People Management* huwa +356 – 21245593.

15. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn fit-Taqsima tar-Riżorsi Umani, Direttorat *People Management*.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbgħatu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi sad-data tal-għeluq. Id-Direttur, *People Management* jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-3 ta' Ottubru, 2008

on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

10.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

11. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Human Resources Branch, People Management Directorate, Block 'A', Floriana.

13. Applications together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director People Management, Human Resources Branch, Block 'A', Floriana, by not later than noon (Central European Time) of Friday, 31st October, 2008.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 31st October 2008 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director, People Management, Ministry for Resources and Rural Affairs, by not later than one week after the closing date, together with an explanation for the delay. The fax number of the Human Resources Branch, People Management Directorate is +356 - 21245593.

15. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director, People Management and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director, People Management within seven (7) days.

3rd October, 2008

FORZI ARMATI TA' MALTA

Applikazzjonijiet għall-Ingaġġ ta' Suldati fil-Forzi Armati ta'Malta (Forza Regolari)

SKEMA A

Id-Direttur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali javżaw illi se jsir eżami kompetittiv biex jiġu ingaġġati suldati biex iservu fil-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta.

2. L-applikanti għandhom ikunu:-

a. ċittadini ta' Malta;

b. għalqu t-tmintax (18)-il sena iżda m'għalqux il-ħamsa u għoxrin (25) sena fl-1 ta' Jannar 2009;

ċ. ta' karattru morali tajjeb;

d. twal tal-anqas 1.57m fil-każ tal-irġiel u 1.52m fil-każ tan-nisa u ta' piż aċċettabbli pparagunat mat-tul.

3. Kandidati għandu jkollhom ċertifikati fil-livell ordinarju tal-Matsec jew GCE ekwivalenti minn universitajiet barranin rikonoxxuti mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni fit-tliett suġġetti li jinkludu l-Ingliż, Malti u Matematika;

4. Il-vakanzi jimtlew skond l-ordni finali tal-mertu li tiġi deċiża bil-marki totali miksuba fl-eżami li jkun jikkonsisti f'żewġ partijiet kif ġej:

L-Ewwel Parti – eżami ta' effiċjenza fiżika;
It-Tieni Parti – intervista.

L-eżami jibqa' validu sa sitt xhur minn meta jiġi ppubblikat ir-riżultat finali.

5. L-eżami (Parti I u II) ser jitmexxa mid-Direttur (Eżamijiet) u mill-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali.

6. L-eżami jikkonsisti fi:

L-Ewwel Parti

Eżami ta' Effiċjenza Fiżika

Primarjament jittieħed it-tul tal-kandidati biex jiġi żgurat li jilħqu l-ħtiġijiet stipulati f'para. 2d ta' din is-sejħa. Dawk li jikkwalifikaw ikunu meħtieġa li joqogħdu għall-eżami ta' Effiċjenza Fiżika biex jiġi żgurat li jkunu f'saħħithom skond l-i*standards* tal-Forza Regolari.

ARMED FORCES OF MALTA

Applications for Enlistment of Soldiers in the Armed Forces of Malta (Regular Force)

SCHEME A

The Director of Examinations and the Board of Local Public Examinations notify that a competitive public examination will be held for the enlistment of soldiers to serve in the Regular Force of the Armed Forces of Malta.

2. Applicants must be:-

a. citizens of Malta;

b. eighteen (18) years of age and not have attained twenty-five (25) years of age by 1st January 2009;

c. of good moral character;

d. not less than the minimum height required, i.e. 1.57m for males and 1.52m for females and of acceptable body weight in proportion to height.

3. Candidates must be in possession of a certificate in English, Maltese and Mathematics at 'O' level MATSEC or GCE equivalent from an overseas university recognised by the Department of Education;

4. Vacancies will be filled in accordance with the final order of merit which will be determined by the total marks gained in the examination consisting of two parts namely:

Part I – physical efficiency test;
Part II – an interview;

The validity of the examination will expire after six months from publication of the final results.

5. The examination (Parts I and II) shall be conducted by the Director (Examinations) and the Board of Local Public Examinations.

6. The examination shall consist of:

Part I

Physical Efficiency Test

Candidates will be primarily checked for height in order to ensure that they meet the requirements stipulated in para 2d of this call. Those who are found to meet such requirements will be subjected to a Physical Efficiency Test to ensure fitness to Regular Force Standards.

Il-livell minimu huwa kif ġej:

Eta' bejn 18 u 21 sena:
1 *mile run* - mhux aktar minn 8.27 minuti fil-każ tal-irġiel u 10 minuti fil-każ tan-nisa;
Push-ups - mhux anqas minn 22 darba fil-każ tal-irġiel u 10 darbiet fil-każ tan-nisa;
Sit-ups - mhux anqas minn 32 darba fil-każ tal-irġiel u 30 darba fil-każ tan-nisa.

Eta' bejn 22 u 25 sena:
1 *mile run* - mhux aktar minn 9 minuti fil-każ tal-irġiel u 10.30 minuti fil-każ tan-nisa;
Push-ups - mhux anqas minn 20 darba fil-każ tal-irġiel u 9 darbiet fil-każ tan-nisa;
Sit-ups - mhux anqas minn 27 darba fil-każ tal-irġiel u 25 darba fil-każ tan-nisa.

Eta' bejn 26 u 29 sena:
(Applikabbli għal dawk li japplikaw għall-bandisti biss)

1 *mile run* - mhux aktar minn 9.30 minuti fil-każ tal-irġiel u 11-il minuta fil-każ tan-nisa;
Push-ups - mhux anqas minn 18-il darba fil-każ tal-irġiel u 8 darbiet fil-każ tan-nisa;
Sit-ups - mhux anqas minn 24 darba fil-każ tal-irġiel u 22 darba fil-każ tan-nisa.

Il-kandidati jridu mill-anqas jilħqu l-i*standard* minimu f'kull test fiżiku biex jitqiesu li għaddew mill-eżami ta' effiċjenza fiżika, iżda l-kandidati li ma jgħaddux minn wieħed mit-testijiet fiżiċi, jew il-1 *mile run* jew il-*push ups* jew is-*sit ups*, ikunu jistgħu jerġgħu joqogħdu għal *re-sit* ta' dak it-*test* wieħed partikulari, fi żmien ġimgħa wara li jkun sar l-ewwel test komplut.

It-Tieni Parti

Intervista:

It-Tieni Parti tal-eżami hi miftuħa għal dawk il-kandidati li jikkwalifikaw mill-ewwel parti tal-eżami.

L-intervista hija ntiża biex teżamina l-kwalitajiet personali ta' kandidat bħal dehra, żveltezza, xeħta, kunfidenza fih innifsu, kwalifiki eċċ, biex jiġi żgurat li huwa adatta għal servizz tal-militar.

Il-marki għall-gradi ppreżentati se jingħataw kif ġej:

MATSEC

GRAD 1 – 85 Marka
GRAD 2 – 80 Marka
GRAD 3 – 75 Marka

The minimum standards are as follows:

Age category from 18 to 21 years:
1 mile run - not more than 8.27 minutes for males and 10 minutes for females;
Push-ups - not less than 22 repetitions for males and 10 repetitions for females;
Sit-ups - not less than 32 repetitions for males and 30 repetitions for females.

Age category from 22 to 25 years:
1 mile run - not more than 9 minutes for males and 10.30 minutes for females;
Push-ups - not less than 20 repetitions for males and 9 repetitions for females;
Sit-ups - not less than 27 repetitions for males and 25 repetitions for females.

Age category from 26 to 29 years
(Applicable for those applying for bandsmen only)

1 mile run - not more than 9.30 minutes for males and 11 minutes for females;
Push-ups - not less than 18 repetitions for males and 8 repetitions for females;
Sit-ups - not less than 24 repetitions for males and 22 repetitions for females

Candidates must at least attain the minimum standard in each physical test to be considered as having gained a pass in the Physical Efficiency Test, but candidates who fail in one feat only, i.e.- either the 1-mile run or the push-ups or the sit-ups, will be allowed to re-sit that one particular event, in one week's time from the first complete test.

Part II

Interview:

Part II shall only be open to those candidates who qualify in Part I of the examination.

The interview is designed to assess a candidate's personal qualities such as appearance, alertness, aptitude, self-confidence, qualifications etc. to ascertain their suitability for military service.

The marks for academic qualifications will be allocated as shown hereunder

MATSEC

GRADE 1 – 85 Marks
GRADE 2 – 80 Marks
GRADE 3 – 75 Marks

GRAD 4 – 70 Marka
GRAD 5 – 65 Marka
GRAD 6 – 60 Marka
GRAD 7 – 55 Marka

GCE ekwivalenti minn università barranija rikonoxxuta mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

GRAD A - 85 Marka
GRAD B - 77 Marka
GRAD C - 70 Marka
GRAD D - 63 Marka
GRAD E - 55 Marka

(Marki: Mass 100 Min 50)

7. Kandidati li jonqsu li jattendu għal xi parti mill-eżami jiġu kkunsidrati li weħlu mill-eżami.

8. Il-kandidati magħżula jridu joqogħdu għal eżami mediku biex ikun żgurat li huma b'saħħithom għall-impjieg skond kif ikun meħtieġ mill-Forza Regolari. L-eżami Mediku jitmexxa mill-Forzi Armati u jkun finali u konklussiv.

9. L-applikanti li jintgħażlu jiġu ingaġġati wara l-1 ta' Jannar 2009, sabiex jimtlew vakanzi bħala *Gunner* Rekluti u jkunu jridu jagħmlu perjodu ta' taħriġ bażiku ta' mhux aktar minn 5 xhur.

10. Rekluti jistgħu jiġu maħlula mis-Servizz jekk ma jilħqux il-livell meħtieġ. Rekluti li jispiċċaw dan il-kors jiġu kkonfermati fil-grad ta' *Gunner.*

11. Rekluti jitpoġġew fuq skala 16 fejn jibdew b'salarju ta' €10,372.70 fis-sena. Wara sentejn ta' servizz jiġu riskalati għal skala 15 u sussegwentament għal skala 14 wara erba' snin ta' servizz. Dawk li jiġu ingaġġati jistgħu jkunu wkoll eliġibbli għal *allowance* tal-Forzi Armati ta' Malta ta' €23.30 fix-xahar.

12. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jinġabru mid-Dipartiment tal-Eżamijiet, il-Furjana/Ċentru tal-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex jew mingħand ir-*Recruiting Office,* Luqa Barracks, Luqa jew direttament minn fuq il-*Website* tal-Gvern ta' Malta http://www.gov.mt/gazette/employment/applic.htm jew minn fuq il-*website* tad-Dipartiment tal-Eżamijiet fuq www.exams.gov.mt/umaint/soldiersapp.doc minn nhar it-Tnejn, 13 ta' Ottubru 2008.

13. Il-formoli tal-applikazzjoni (dawk biss li jintlaqgħu) għandhom ikunu ppreżentati personalment (għandha tintwera l-Karta tal-Identità) minn nhar it-Tnejn 20 ta' Ottubru 2008 sa nhar il-Ġimgħa 31 ta' Ottubru 2008 (id-data tal-għeluq) fid-Dipartiment tal-Eżamijiet, il-Furjana u fic-Ċentru tal-

GRADE 4 – 70 Marks
GRADE 5 – 65 Marks
GRADE 6 – 60 Marks
GRADE 7 – 55 Marks

GCE equivalent from an overseas university recognised by the Department of Education

GRADE A - 85 Marks
GRADE B - 77 Marks
GRADE C - 70 Marks
GRADE D - 63 Marks
GRADE E - 55 Marks

(Marks: Max 100 Min 50)

7. Candidates who fail to attend either Part I or Part II part of the Examination will be considered to have failed the Examination.

8. Selected candidates will be medically examined to ascertain that they are fit for the post according to Regular Force standards. The Medical Examination carried out by the Armed Forces will be final and conclusive.

9. Successful candidates will be enlisted after 1st January 2009, to fill vacancies as Gunner Recruits and will be required to undergo a basic training course of 5 months maximum duration.

10. Recruits may be discharged from the Service should they fail to achieve required standards. Recruits who successfully complete the training course will then be confirmed in the rank of Gunner.

11. Recruits will be placed on salary scale 16 with an initial salary of €10,372.70 per annum. They will proceed to salary scale 15 after two years of service and to salary scale 14 after four years of service. The enlisted persons may also become entitled to an Armed Forces of Malta allowance of €23.30 per month

12. Application forms may be collected from the Examinations Department Floriana/Examinations Centre, Victoria Gozo or from the Recruiting Office, Luqa Barracks, Luqa or directly from the Malta Government Website on http://www.gov.mt/gazette/employment/applic.htm or from the Examinations Department website www.exams.gov.mt/umaint/soldiersapp.doc from Monday 13th October 2008.

13. Application forms (only those admissible) should be handed in personally (Identity Card to be shown) from Monday 20th October 2008 to Friday 31st October 2008 (closing date) at the Department of Examinations, Floriana and at the Examinations Centre, Victoria, Gozo between

Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar u mis-1.30 p.m. sal-4.00 p.m.

14. Il-kandidati għandhom jippreżentaw mal-applikazzjoni:-

a. il-karta uffiċjali tal-Identità tagħhom u fotokopja;

b. ċertifikat riċenti tal-kondotta mill-Pulizija (maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet);

Minkejja dan, persuni li għandhom rekord kriminali ma jistgħux japplikaw. Il-FAM jirriservaw id-dritt li jannullaw ir-riżultat ta' xi kandidat li jkun għadda mill-eżami, jekk f'xi ħin jinstab li għandu rekord kriminali serju, jew inkella li tkeċċa mill-Forzi Armati, jew minn xi Korp ddixxiplinat ieħor.

ċ. ċertifikati tal-Edukazzjoni u/jew snajja' (iridu jiġu ppreżentati l-oriġinali flimkien ma' fotokopji).

d. dritt ta' ħlas ta' €9.30

15. Ma jiġux ikkunsidrati applikazzjonijiet li jaslu tard.

16. Il-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jkollu s-setgħa li jittratta sommarjament ma' kull kandidat li, waqt li jkun qiegħed isir l-eżami, jinstab ħati ta' mġieba ħażina jew xi ksur ieħor tar-Regolamenti maħruġa biex jiggwidaw il-kandidati.

17. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jħassar l-eżami jekk tinstab xi irregolarità dwar dan l-eżami. Tħassir bħal dan jista' jkun dwar l-eżami kollu, ukoll jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar suġġett wieħed biss jew stadju partikolari ta' l-eżami.

It-3 ta' Ottubru, 2008

FORZI ARMATI TA' MALTA

Applikazzjonijiet għall-Ingaġġ ta' Suldati fil-Forzi Armati ta'Malta (Forza Regolari)

SKEMA B

Id-Direttur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali javżaw illi se jsir eżami kompetittiv biex jiġu ingaġġati suldati biex iservu fil-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta.

2. L-applikanti għandhom ikunu:-

a. ċittadini ta' Malta;

8.00 a.m. and 12.00 (noon) and from 1.30 p.m. to 4.00 p.m.

14. With the application form candidates must produce:

a. their official Identity Card and photocopy.

b. a recent Police conduct certificate (issued within six months prior the closing date of application).

However, persons with a serious criminal record need not apply. The AFM reserves the right to annul the result of the examination of any successful candidate who at any time is found to have a serious criminal record or has been dismissed from the AFM or any other disciplined Force.

c. Education and/or trade certificates (originals are to be presented together with photocopies).

d. an examination fee of €9.30

15. Late applications will not be considered.

16. The Board of Local Public Examinations shall have power to deal summarily with any candidate who, while the examination is in progress, is found to be guilty of misconduct or of any other breach of the instructions issued for the guidance of candidates.

17. The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the examination if any irregularity is detected in connection therewith. Such annulment may be in respect of the whole examination even if the detected irregularity is in respect of only one subject or a particular stage of the examination.

3rd October, 2008

ARMED FORCES OF MALTA

Applications for Enlistment of Soldiers in the Armed Forces of Malta (Regular Force)

SCHEME B

The Director of Examinations and the Board of Local Public Examinations notify that a competitive public examination will be held for the enlistment of soldiers to serve in the Regular Force of the Armed Forces of Malta.

2. Applicants must be:-

a. citizens of Malta;

b. għalqu t-tmintax (18)-il sena iżda m'għalqux il-ħamsa u għoxrin (25) sena fl-1 ta' Jannar 2009;

ċ. ta' karattru morali tajjeb;

d. twal tal-anqas 1.57m fil-każ t l-irġiel u 1.52m fil-każ tan-nisa.

3. Il-vakanzi jimtlew skond l-ordni finali tal-mertu li tiġi deċiża bil-marki totali miksuba fl-eżami li jkun jikkonsisti fi tliet partijiet jiġifieri:

L-Ewwel Parti – eżami ta' effiċjenza fiżika;
It-Tieni Parti – eżami bil-miktub;
It-Tielet Parti – intervista.

4. L-eżami jibqa' validu sa sitt xhur minn meta jiġi ppubblikat ir-riżultat finali.

5. L-eżami (Part I, II u III) se jitmexxa mid-Direttur (Eżamijiet) u mill-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali.

6. L-eżami jikkonsisti fi:

L-Ewwel Parti

Eżami ta' Effiċjenza Fiżika

Primarjament jittieħed it-tul tal-kandidati biex jiġi żgurat li jilħqu l-ħtiġiet stipulati f'para. 2d ta' din is-sejħa. Dawk li jikkwalifikaw ikunu meħtieġa li joqogħdu għall-eżami ta' Effiċjenza Fiżika biex jiġi żgurat li jkunu f'saħħithom skond l-i*standards* tal-Forza Regolari.

Il-livell minimu huwa kif ġej:

Eta' bejn 18 u 21 sena:
1 *mile run* - mhux aktar minn 8.27 minuti fil-każ tal-irġiel u 10 minuti fil-każ tan-nisa;
Push-ups - mhux anqas minn 22 darba fil-każ tal-irġiel u 10 darbiet fil-każ tan-nisa;
Sit-ups - mhux anqas minn 32 darba fil-każ tal-irġiel u 30 darba fil-każ tan-nisa.

Eta' bejn 22 u 25 sena:
1 *mile run* - mhux aktar minn 9 minuti fil-każ tal-irġiel u 10.30 minuti fil-każ tan-nisa;
Push-ups - mhux anqas minn 20 darba fil-każ tal-irġiel u 9 darbiet fil-każ tan-nisa;
Sit-ups - mhux anqas minn 27 darba fil-każ tal-irġiel u 25 darba fil-każ tan-nisa.

Eta' bejn 26 u 29 sena:
(Applikabbli għal dawk li japplikaw għall-bandisti biss)

b. eighteen (18) years of age and not have attained twenty-five (25) years of age by 1st January 2009;

c. of good moral character;

d. not less than the minimum height required, i.e. 1.57m for males and 1.52m for females and of acceptable body weight in proportion to height.

3. Vacancies will be filled in accordance with the final order of merit which will be determined by the total marks gained in the examination consisting of three parts namely:

Part I – physical efficiency test;
